# Konnessjonijiet bejn Malta u l-Ġappun li jmorru lura aktar minn 120 sena

Raymond Miceli

Ilbieraħ il-11 ta' Frar kien il-Jum Nazzjonali tal-Ġappun. Magħruf bħala Jum it-Twaqqif tan-Nazzjon, minkejja li s-sinifikat tiegħu jmur ferm lura kif se naraw, bdiet tkun ikkunsidrata bħala btala nazzjonali mill-1966 u fil-fatt l-ewwel darba li kienet ċelebrata bħala tali kien fl-1967. Qabel, bejn l-1872 u l-1948 xorta kienet festa, anki jekk mhux il-jum nazzjonali. Tfakkar meta, skont il-mitoloġija, fis-sena 660 QK l-Imperatur Jimmu kien beda t-tmexxija tiegħu tal-pajjiż u b'hekk sar l-ewwel imperatur tal-Ġappun. In-Nazzjon ħasbet biex tagħti ħarsa lejn konnessjonijiet li dan il-pajjiż għandu ma' Malta, pajjiżna. Minkejja li Malta saret pajjiż indipendenti f'Settembru 1964, jiġifieri kważi 55 sena ilu u nofs, il-konnessjonijiet bejn Malta u l-Ġappun imorru ferm aktar lura.



Mappa tal-vjaġġ ta' sitt xhur tal-Prinċep Hirohito lejn l-Ewropa



Il-monument fiċ-Ċimiterju Navali tal-Kalkara għall-Ġappuniżi li mietu hawn fl-Ewwel Gwerra Dinjija

Bħalissa r-relazzjonijiet bejn Malta u l-Ġappun huma tajbin ħafna, tant li aktar tard din is-sena hu mistenni li anki tinfetaħ ambaxxata ta' Malta f'Tokyo, il-belt kapitali. Bħalissa Malta għandha xi konsolati fil-Ġappun, fosthom f'Tokyo, f'Osaka u ieħor fi Kyoto, b'dan tal-aħħar beda jiffunzjona f'Lulju 2019. Min-naħa l-oħra, bħala ambaxxata responsabbli għal Malta, il-Ġappun għandha l-ambaxxata ta' Via Quintino Sella f'Ruma filwaqt li għandha konsolat fi Pjazza Sir Luigi Preziosi, fil-Furjana.

## Ftehim ekonomiku bejn il-Ġappun u l-UE

Din tal-Ambaxxata Maltija f'Tokyo anki ħadet sinifikat aktar importanti fid-dawl tal-ftehim ekonomiku (EPA) li sar bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun, li daħal fis-seħħ mill-1 ta' Frar 2019.

Fost oħrajn, dan il-ftehim wassal għat-tneħħija tat-tariffi miż-żewġ naħat. Fis-sena ta' qabel, fl-2018, 14-il pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea, fosthom Malta, kellhom bilanċ pożittiv fil-kummerċ tagħhom mal-Ġappun.

L-importanza attwali bejn Malta u l-Ġappun hu kbir ferm. Fl-2018, l-aħħar sena li sa issa għandna t-tagħrif kollu dwarha, il-Ġappun kien is-sitt l-akbar suq għal Malta minn fost il-pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea.

## 44 kumpannija f'Malta tesporta lejn il-Ġappun

Hawn 44 kumpanija f'Malta li tesporta lejn il-Ġappun, filwaqt li hemm interess minn oħrajn li jixtiequ jidħlu f'dan is-suq. Biex tgħin kumpaniji Maltin jibdew jesportaw lejn il-Ġappun, teżisti l-Malta-Japan Chamber of Commerce (MJCC), li kienet twaqqfet f'Settembru 2017. Dejjem b'riferenza għall-2018, Malta impurtat mill-Ġappun b'madwar €67 miljun, filwaqt li esportat madwar €150 miljun, jiġifieri bilanċ pożittiv għal Malta ta' madwar €84 miljun. U dan minkejja li bosta jgħidulek li s-suq Ġappuniż biex xi wieħed faċli sakemm jirnexxilek tibni l-kuntatti u eventwalment tikseb il-fiduċja għall-prodott tiegħek. Fost l-oġġetti esportati minn Malta għall-Ġappun insibu t-tonn.



Parata fil-Main Guard tal-Belt lejn tmiem l-Ewwel Gwerra Dinjija. Jidhru jimmarċjaw baħrin bil-bandiera tal-Ġappun.

## Il-lingwa Ingliża ta' vantaġġ kbir

Ukoll fl-2018 ġew Malta bħala turisti 22,863, li 15.3 fil-mija għażlu li jiġi Malta biex ikunu jistgħu jistudjaw l-Ingliż waqt li jkunu fostna. Hawn tajjeb wieħed jiftakar li l-Ġappun hu pajjiż kbir, b'popolazzjoni ta' 126 miljun persuna. Minnhom jidher li 20 biss huma Maltin li jgħixu b'mod permanenti fil-Ġappun. Fosthom hemm Maltin li marru jgħixu il-Ġappun fejn għandhom impjieg li jgħallmu l-Ingliż.

Minkejja l-preżenza daqstant żgħira ta' Maltin li jgħixu fil-Ġappun, jidher li l-ewwel Maltin li marru jgħixu f'dan il-pajjiż joħduna lura għas-snin 90 tas-seklu 19. Dan kien ħareġ primarjament meta f'Ġunju 2015 kien ġie crew tat-televiżjoni nazzjonali Ġappuniż hawn Malta dirett minn Teppei Okuso biex jagħmlu dokumentarju dwar dan is-suġġett. Dawn kellhom l-għajnuna, bħala interpretu, minn Mayuko Vassallo Momosaka, li

għal paġna 17

# L-ewwel Malti jgħix fil-Ġappun b'mod permanenti kien Bormliż li eventwalment iżżewweġ Ġappuniża

minn paġna 16

hi liċenzjata biex tagħmilha ta' gwida tat-turisti f'Malta bl-Ingliż u bil-Ġappuniż.

Jirriżulta li l-ewwel Malti li mar jgħix il-Ġappun kien ċertu Ruggiero Inglott, li twieled f'Bormla fl-1871 u miet f'Yamugucci, il-Ġappun fl-1950.

Fil-Ġappun Inglott kien iżżewweġ mara Ġappuniża, Nakayama, li eventwalment kienet saret Kattolika. Huma kellhom erbat itfal, tlieta subien u tifla. Ruggiero, iben tabib u li kellu 11 ħutu, kien ħalla Malta fl-1892. Mar l-Alġerija fejn qatta' ftit snin u minn hemm mar b'bastiment, wisq probabbli tal-P&O, lejn il-Ġappun. Kemm dam il-Ġappun dejjem ħadem bħala għalliem tal-Ingliż.



Triq Irjali fil-Belt u t-Teatru Rjal imżejnin fl-okkażjoni taż-żjara tal-Prinċep Hirohito f'Malta

### L-opra Madama Butterfly u oħra li tkompli magħha

Fit-18 ta' Frar 1908 saret għall-ewwel darba f'Malta l-opra lirika ta' Puccini bi storja bbażata fil-Ġappun 'Madama *Butterfly*' *fit-Teatru Rjal*. Din saret waħda mill-aktar opri popolari mal-Maltin tant li għadha ssir minn żmien u dejjem tiġbed bosta nies lejn it-teatru. Ta' min isemmi wkoll li l-kompożitur Malti Mario Cirillo tana l-opra 'Il Figlio del Sole', b'librett ta' Carmelo Ciantar, bl-istorja tkompli ma' fejn ħalliet il-'Madama Butterfly' ta' Puccini. L-opra ta' Cirillo kienet saret l-ewwel darba fir-Radio City il-Ħamrun fid-19 ta' Marzu 1950.

### Skwadra tal-Ġappuniżi bbażata f'Malta

Tagħrif interessanti dwar rabta tal-Ġappun ma' Malta tasal dwar żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija. Fi Frar 1917 il-Ġappun, wara talba li saret mill-Ingliżi, kien bagħat skwadra speċjali bbażata f'Malta biex jgħinu fit-tħaris tal-baħar Mediterran, l-aktar fil-ħidma kontra sottomarini Ġermaniżi. Il-flotta tan-navy Ġappuniża kienet ħalliet pajjiżha



Chinda Sutemi. fost dawk li akkumpanjaw lill-Prinċep Hirohito fil-vjaġġ tiegħu

ġimgħa wara u kienet tikkonsisti fi tmien destroyers taħt il-kmand tal-Ammirall Sato Kozo. Fiż-żmien li damu fuq din il-biċċa xogħol eskortaw xejn anqas minn 288 bastiment u wasslu għall-ġlied fuq il-front madwar 700,000 truppi.

Bħala telf tista' tgħid li kellhom waħda biss, meta l-bastiment Sakaki ntlaqat minn torpedo ftit lil hinn minn Kreta fil-11 ta' Ġunju 1917 u mietu it-68 baħri kollha li kien hemm fuqu. Dawn inġiebu lura Malta u fil-fatt huma midfuna f'zona H taċ-ċimiterju navali tal-Kalkara li jinsab fi Triq Santu Rokku. Xi snin wara, fil-post fejn huma midfunin, sar monument speċi ta' obelisk, li wieħed għadu jista' jarah fiz-zona msemmija fuq ix-xellug iżda naqra 'l ġewwa minn fejn wieħed jidħol f'dan iċ-ċimiterju. Minbarra l-monument, hemm ukoll fil-qrib speċi ta' bord bit-tagħrif dwar dak li ġara.

Saret ukoll b'pompa kbira ż-żjara f'Malta tal-Prinċep Hirohito tal-Ġappun, bħala parti mill-ewwel vjaġġ fl-Ewropa li qatt għamel xi membru tal-familja rjali tal-Ġappun. Dan il-vjaġġ kien telaq mill-Ġappun fit-3 ta' Marzu 1921 u b'kollox ħa sitt xhur. Fost dawk jakkumpanjaw lill-Prinċep kien hemm il-Baruni Chinda Sutemi (1857-1929), wieħed mill-aktar diplomatiċi tal-Ġappun ta' esperjenza.

### Ċelebrazzjonijiet kbar għaż-żjara ta' Prinċep Ġappuniż f'Malta

Minkejja li kien għad għandu biss 19-il sena (iċċelebra għeluq l-20 ftit jiem wara waqt li kien qrib Ġibiltà), il-waqfa ta' tlett ijiem f'Malta kienu karatterizzati b'ċelebrazzjonijiet kbar. Żar iċ-ċimiterju tal-Kalkara, fejn hemm midfun 77 Ġappuniż (fosthom it-68 tas-Sakaki) li mietu fil-Mediterran tul l-Ewwel Gwerra Dinjija li kienet għadha ferm friska. Attenda għal serata gala fit-Teatru Rjal li kienet tikkonsisti fl-opra 'Il Barbiere di Siviglia' ta' Rossini. Saru ikla statali mill-Gvernatur Sir Herbert Plumer f'San Anton li għaliha kienu mistiedna bosta personalitajiet distinti kif ukoll oħra fil-Casino Maltese, il-Belt fejn kien hemm il-krema tas-soċjetà Maltija. It-toroq tal-Belt kienu żżejnu apposta għal din iż-żjara. Hirohito kien anki ħawwel siġra bħala tifkira fil-Ġonna ta' San Anton.

### Ir-relazzjonijiet diplomatiċi mhux dejjem kienu tajbin

Mill-ġdid għar-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi. Jekk il-qagħda tal-kummerċ bħalissa hi waħda tajba, dan iżda mhux dejjem kien il-każ. L-agħar perjodu f'dawn ir-relazzjonijiet kienu l-ewwel snin tat-tmeninijiet meta l-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, Dom Mintoff, minħabba żbilanċ kontra Malta, kien ħa d-deċiżjoni drastika li jwaqqaf għalkollox l-importazzjoni ta' prodotti mill-Ġappun. Dan kien ikkaġuna diffikultajiet kbar fost oħrajn lil dawk in-nies li kellhom xi karozza Ġappuniża meta kien ikollhom bżonn xi parts għal tiswija.

Ta' min ifakkar li dan kien iż-żmien meta l-pajjiż kien qed jitmexxa wara r-riżultat deskritt bħala pervers tal-Elezzjoni Ġenerali ta' Diċembru 1981.

Biss jidher li sal-1985 il-qagħda kienet tjiebet xi ftit, tant li tibda mit-22 ta' Ottubru ta' dik is-sena, distributuri Ewropej ta' Terasaki Electric tal-Ġappun organizzat, bħala mistiedna tal-kumpanija Maltija Mediterranean Power Electric tal-Marsa tlett ijiem konferenza annwali tagħha propju hawn Malta fil-Lukanda Jerma.

### Wara l-elezzjoni tal-1987

Wara l-Elezzjoni ta' Mejju 1987, meta telgħet amministrazzjoni Nazzjonalista, mill-ewwel bdew sforzi intensifikati biex il-qagħda bejn Malta u l-Ġappun titjieb sew. Fis-17 ta' Settembru ta' dik l-istess sena waslu Malta grupp ta' 51 rappreżentant ta' kumpaniji Ġappuniżi li kienu mmexxija minn Moriya Kayama, dak iż-żmien president tal-Japanee Research Institute of Telecom Policies and Economics li kellhom taħditiet uffiċjali dwar suġġetti varji, l-aktar fuq il-qasam tat-telekomunikazzjoni, li dawk ta' ċerta età żgur jiftakru kif kienet tħalliet fi stat diżastruż.

Fil-25 ta' Marzu tal-1989 il-Ministru tal-Finanzi John Dalli mexxa delegazzjoni għall-promozzjoni ta' investiment fil-Ġappun. Ftit aktar minn sena wara, imbagħad, fid-19 ta' Awwissu 1990, il-Prim Ministru Eddie Fenech Adami għamel żjara uffiċjali fil-Ġappun.

Bil-mod il-mod, il-fiduċja bejn iż-żewġ naħat bdiet toktor. Fit-23 ta' Settembru 1991 bastimenti Ġappuniżi daħlu fil-Port il-Kbir wara nuqqas ta' 61 sena. Fit-8 ta' Settembru 1992 il-Gvern ta' Malta iffirma ftehim mal-Korporazzjoni Nazzjonali taż-Żejt Ġappuniża biex isir it-tiftix għaż-żejt f'ibħra Maltin.

Peress li fl-ispazju li għandna hawn ma nistax nidħol fid-dettall fuq diversi inizjattivi, naqbżu ftit snin u nsibu li għal nofs Lulju 2000 kienet ġiet Malta delegazzjoni mill-Japan External Trade Organisation biex, anki bil-parteċipazzjoni tagħhom fil-Fiera Internazzjonali ta' Malta, jippromwovu l-kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi.

### Jużaw it-Tarzna ta' Malta għal tiswijiet

F'Settembru tal-istess sena, fit-Tarzna ta' Malta ddaħħal għat-tiswija t-tanker tal-Mitsui OSK Line tal-Ġappun 'The Atlantic Liberty'. Sa dak iż-żmien dan it-tanker kien l-aktar wieħed wiesgħa li qatt daħal għat-tiswija fit-Tarzna ta' Malta.

Fil-bidu tax-xahar ta' wara, jiġifieri Ottubru 2000, il-Ministru għas-Servizzi Ekonomiċi Josef Bonnici kien il-kelliem prinċipali waqt seminar organizzat mill-MDC f'Tokyo biex jippromwovi lil Malta bħala pajjiż ideali għal investiment Ġappuniż, li anki jista' jservi ta' pont għal swieq kemm Ewropej kif ukoll tal-Afrika ta' Fuq.

Intant f'Jannar tal-2001 fil-Parlament Louis Galea, dak iż-żmien Ministru tal-Edukazzjoni, ħabbar li l-lingwa Ġappuniża se tibda tkun offruta bħala suġġett f'kulleġġ vokazzjonali ġdid. Fis-settur turistiku f'dan iż-żmien kienu qed jiġu mal-10,000 turist kull sena mill-Ġappun. Dan kien issemma waqt żjara ta' delegazzjoni magħmula minn 24 persuna li ġiet Malta u li kienet immexxija minn Mitsuo Gima (t. 1943), politiku u Sindku ta' Urasoe City f'Okinawa fil-Ġappun. F'nofs l-2002 il-kumpanija Ġappuniża K Line bdiet tagħmel użu mill-Freeport ta' Malta.

### Websajt tal-NTOM bil-Ġappuniż

Intant, hekk kif is-sena bdiet toqrob lejn tmiemha, il-Ministru tat-Turiżmu Michael Refalo qal li t-turisti mill-Ġappun din is-sena se jkun qed jaqbeż it-12,000. Sa sentejn biss wara, f'Novembru 2004, tħabbar li t-turisti mill-Ġappun issa qed ikunu ta' madwar 15,000 kull sena. Fid-dawl ta' dan, l-NTOM qalet li nediet verżjoni mqassra tal-websajt tagħha bil-Ġappuniż.

Il-kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi baqa' dejjem jitjieb u f'April 2008 tħabbar li Malta kienet waħda mill-ftit pajjiżi tal-Unjoni Ewropea li, skont ma qalet l-Eurostat, kellha bilanċ pożittiv fil-kummerċ tagħha mal-Ġappun. Dan il-bilanċ kien ta' €38 miljun.

Jissokta fil-ħarġa ta' għada